MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 13/2004/1

Lorenzo Camenzuli

vs

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Lorenzo Camenzuli pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2004 fejn espona:

1. Illi l-esponent kellu proprjeta' li ttiehdet mill-Kummissarju ta' l-Artijiet;

2. Illi l-intimat offra s-somma ta' Lm21,000 lill-esponenti bhala kumpens ghall-art fil-limiti taz-Zejtun skond l-Avviz ghall-Ftehim hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

3. Illi tali avviz mhuwiex ikkontestat u ghalhekk ghandu jitqies bhala wiehed finali;

4. Illi l-kuntratt u l-hlas koncernanti din l-art baqa' qatt ma sar u dan ghad-dannu tar-rikorrent;

Ghaldaqstant l-esponent jitolb bir-rispett lil dan il-Bord sabiex in vista tas-suespost jiffissa data ghall-pubblikazzjoni ta' l' hawn fuq imsemmi kuntratt in kwistjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona:

Illi l-esponent qieghed jaghmel referenza ghar-rikors fl-ismijiet fuq citati;

Illi l-esponent jixtieq jinforma lil dana l-Onorabbli Bord illi l-Gvern qieghed jittratta il-kazijiet ta' hlas ta' kumpens bl-aktar espedizzjoni possibbli.

Tant biex taghraf timxi u tirregola ruhek.

Billi jirrizulta li l-partijiet ftehmu fuq il-kumpens l-Bord jordna it-twettiq tal-ftehim skond il-provvedimenti ta' l-art 22(1) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jordna li l-art fil-limiti taz-Zejtun fil-kejl ta' madwar 476 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' triq bla isem, mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Carmelo Xuereb u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Grezzju Seychell tghaddi mir-rikorrent lill-intimat b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka, jiffissa l-kumpens kif diga miftiehem bejn il-partijiet i.e.Lm21,000 skond rapport tal-Perit Carmen Sutton tat-2 ta' Jannar 2002;

Jahtar lin-Nutar Dottor Vincent Miceli bhala n-Nutar ta' l-intimat jew in-nutar li jkun ha jaghmilha floku biex jippubblika l-att opportun fl-20 ta' Jannar 2006 fl-

10:00a.m. fl-ufficcju ta’ l-intimat, jahtar lill-Avukat Dottor Karl Briffa biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

Spejjez ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------